


# Il-Presidenza Spanjola tal-Kunsill tal-UE

Mill-bidu ta' din is-sena, Spanja ħadet il-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Hija l-ewwel Presidenza li qiegħda topera taħt ir-regolamenti tat-Trattat ta' Liżbona li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru. Għalhekk, hija l-ewwel pajjiż li se tieħu l-Presidenza tal-Kunsill minn meta ġew innominati l-President permanenti tal-Kunsill Ewropew u Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin.

Spanja, il-Belġju u l-Ungerija, li se jkollhom il-presidenza fit-tieni nofs ta' din is-sena u fl-ewwel nofs tas-sena 2011 rispettivament, se jwettqu programm ta' ħidma għat-tmintax-il xahar li ġejjin. Għal Presidenza Spanjola l-erba' prijoritajiet ewlenin, li jkopru sa nofs din is-sena jinkludu:

### L-ekonomija u x-xogħol

Il-Presidenza se tkun qiegħda taħdem biex tirkupra mill-kriżi ekonomika u l-impjiegi ġodda fis-suq Ewropew. Permezz tal-Istrateġija 2020, l-Ewropa qed timmira għal suq iktar b'saħħtu u iktar favur l-ambjent.

### L-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Liżbona

It-Trattat se jkollu impatt kemm fuq il-Presidenza tal-Kunsill, kif ukoll fuq il-ħidma tal-istituzzjonijiet Ewropej, se tkun introdotta l-Inizjattiva ta' Ċittadini Ewropej, u jitwaqqaf is-Servizz Ewropew għal Azzjoni Esterna.

### Iċ-Ċittadinanza Ewropea

Spanja se tkompli bix-xogħol tal-Presidenza Svediża, u taħdem fuq il-Programm ta' Stokkolma filwaqt li tmexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni tad-Direttiva kontra d-diskriminazzjoni.

### L-Affarijiet Barranin

Il-Presidenza se taħdem biex jitwettqu pożizzjonijiet ta' politika komuni Ewropea. Matul dawn is-sitt xhur, numru ta' laqgħat għolja Ewropej se jkunu organizzati, fosthom mal-Istati Uniti tal-Amerika, ir-Russja, il-Kanada, il-pajjiżi tal-Mediterran u tal-Amerika Latina.

Malta-EU Steering & Action Committee

indirizz: 280 Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2200 3300 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt